**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Novembru 2014 – Out of the blue vs UASI – Dubois *et* (FUNNY BANDS)**

**(Kawża T-344/13)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali FUNNY BANDS — Isem kummerċjali nazzjonali preċedenti FUNNY BANDS — Isem tad-dominju tal-internet nazzjonali preċedenti 'www.funny-bands.com' — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru°207/2009 — Użu fin-negozju ta' sinjal li l-portata tiegħu ma huwiex biss lokali — Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 — Ċaħda tal-oppożizzjoni")***

(2015/C 007/37)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Out of the blue KG (Lilienthal, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Hasselblatt u D. Kipping, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Pohlmann, aġent)

*Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Frédéric Dubois (Lasne, il-Belġju) *et*

**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-4 ta' April 2013 (Każ R 542/2012-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Out of the blue KG u F. Dubois *et*.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Out of the blue KG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 260, 7.09.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Novembru 2014 – Photo USA Electronic Graphic vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-394/13)** ([1])

***("Dumping — Importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw miċ-Ċina — Dazju antidumping definittiv — Definizzjoni tal-prodott ikkonċernat")***

(2015/C 007/38)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Photo USA Electronic Graphic, Inc. (Pekin, iċ-Ċina) (rappreżentant: K. Adamantopoulos, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Boelaert, aġent, assistit minn B. O'Connor, solicitor, u minn S. Gubel, avukat)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland u M. França, aġenti); Ancàp SpA (Sommacampagna, l-Italja); Cerame-Unie AISBL (Brussell, il-Belġju); Confindustria Ceramica (Sassuolo, l-Italja); u Verband der Keramischen Industrie eV (Selb, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Bierwagen, avukat)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013, tat-13 ta' Mejju 2013, li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 131, p. 1), sa fejn jimponi dazju antidumping fuq ir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Photo USA Electronic Graphic, Inc. għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u minn Ancàp SpA, Cerame-Unie AISBL, Confindustria Ceramica u Verband der Keramischen Industrie eV.*

3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

(1) ĠU C 274, 21.09.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Novembru 2014 – Lumene vs UASI (THE YOUTH EXPERTS)**

**(Kawża T-484/13)** (1)

***[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali THE YOUTH EXPERTS — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Portata tal-eżami li għandu jitwettaq mill-Bord tal-Appell — Eżami fuq il-mertu suġġett għall-ammissibbiltà tar-rikors — L-ewwel sentenza tal-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]***

(2015/C 007/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Lumene Oy (Espoo, il-Finlandja) (rappreżentant: L. Laaksonen, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Ġunju 2013 (Każ R 187/2013-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali THE YOUTH EXPERTS bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tas-26 ta' Ġunju 2013 (Każ R 187/2013-2), hija annullata għal dak li jirrigwarda l-“[p]reparazzjonijiet ta' bliċ u sustanzi oħra għall-ħasil tal-ħwejjeġ [u l-] [p]reparazzjonijiet għat-tindif, għall-lustrar, biex togħrok u biex tobrox” li jaqgħu fil-klassi 3 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat, u l-“[p]reparazzjonijiet sanitarji għal skopijiet mediċi[, il-] [ġ]ibs u materjal għal infaxxar tal-feriti[, il-] [m]aterjali għaż-żamma tas-snien [u x-] xema' dentali[, id-] diżinfettanti[, il-] [p]reparazzjonijiet għall-qirda tal-vermin[, il-] [f]ungiċidi [u l-] erbiċidi” li jaqgħu fil-klassi 5 fis-sens ta' dan il-ftehim.*